MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 1833/2002

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Paul u Joyce konjugi Zammit, Joseph u Anna Maria sive Miriam konjugi Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti *in solidum* bejniethom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u erbgha liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm1004.16) rappresentanti hlas ghal servizz tat-telefon bin-numru 21575926 (numru tal-klijent 312006), u dana kif jirrizulta mid-Dokument A u B annessi ma’ l-avviz, liema servizz gie installat fil-fond “Sylvester’s Take Away”, St. Anthony Street, Bugibba u dana kif jirrizulta mid-Dokument C, anness ma’ l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri legali tal-5 ta’ April 2001 u tat-23 ta’ Mejju 2001 u ta’ l-ittri ufficjali tas-16 ta’ Dicembru 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Lulju 1995 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti Joseph u Anna Maria sive Miriam Colerio, debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Ra r-risposta tal-konvenuti Paul u Joyce konjugi Zammit li ecceppew illi t-talbiet attrici fil-konfront taghhom ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici u dana peress illi:

1. Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-firmatarju tal-kuntratt anness mat-talba bhala Dokument C ma huwiex wiehed mill-konvenuti odjerni.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuti konjugi Zammit billi l-fond fejn hemm installat is-servizz telefoniku mertu ta’ din it-talba fil-perijodu li ghalih qed jintalab il-hlas kien fil-pussess u taht ir-responsabbilta’ tal-konvenuti l-ohra Joseph u Anna Maria konjugi Coleiro.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Paul Zammit u dana in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet minnu sollevati.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti permezz tan-nota tas-17 ta’ Frar 2003, Dokumenti MLC1 sa MLC5, u senjatament id-Dokument MCL4 minn fejn jirrizulta illi l-konvenut Joseph Colerio qieghed jassumi d-dejn in konnessjoni mas-servizz telefoniku mertu tal-kawza.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-17 ta’ Frar 2003, li permezz taghha hija cediet l-atti kollha tal-kawza fil-konfront biss tal-konjugi Paul u Joyce Zammit.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ra n-nota ta’ cessjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-17 ta’ Frar 2003 fil-konfront tal-konjugi Zammit biss, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti Paul u Joyce Zammit, izda peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-konvenuti Joseph u Anna Maria sive Miriam Coleiro, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-imsemmija konvenuti u cioe’ lil Joseph u Anna Maria konjugi Colerio, jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u erbgha liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm1004.16), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza konnessi mal-konvenuti konjugi Coleiro ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti Joseph u Anna Maria sive Miriam Coleiro.

-------------------------------TMIEM-------------------------------